## 23 ta' April, 1992

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Alfred Debono

**Rikors ta' Appell – Rekwiżiti – Fatti fil-Qosor – Nullità**

*Ir-rikors ta' appell għandu jkun fih esposizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawża, esposti b'mod ċar u komplet b'mod li l-avversarju jista' jifhem fuqhiex għandu jiddefendi ruħu, u b'mod li l-Qorti tista' ssegwi sewwa l-isvolġiment tal-każ u tillimita d-dibattitu għal dak li hu bżonnjuż, u tirrikjedi l-iskjarimenti okkorrenti.*

*Il-fatti fil-qosor u l-motivi ta' l-appell huma żewġ rekwiżiti li ma jiġux sostitwiti wieħed bl-ieħor.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Alfred Debono li bih talab ir-revoka tas-sentenza ta' l-4 ta' Settembru, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabitu ħati lil kien għamel qligħ bi frodi b'dannu ta' Ignatius Pecorella;

Rat l-eċċezzjoni sollevata mill-Avukat Ġenerali tan-nullità tar-rikors ta' l-appell imsemmi peress li ma fihx l-esposizzjoni tal-fatti fil-qosor kif rikjest mill-Kodiċi Kriminali;

U trattata din l-eċċezzjoni, ikkunsidrat illi:

1. L-artikolu 419(1) tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedi li r-rikors ta' l-appell ikun fih, taħt piena ta' nullità, il-fatti fil-qosor. Dana jfisser li r-rikors għandu jkun fih esposizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawża, esposti b'mod ċar u komplet b'mod li l-avversarju jista' jifhem fuqhiex għandu jiddefendi ruħu, u b'mod li l-Qorti tista' ssegwi sewwa l-isvolġiment tal-każ u tillimita d-dibattitu għal dak li hu bżonnjuż, u tirrikjedi l-iskjaramenti okkorrenti (Kollez. Vol. XXIX.IV.569);

2. Minn eżami tar-rikors ta' l-appellant jidher ċar li dan ir-rikors ma jikkontjeni ebda esposizzjoni tal-fatti. Fih il-motivi ta' l-appell. Iżda dawn u l-esposizzjoni tal-fatti huma żewġ rekwiżiti li ma jiġux sostitwiti wieħed bl-ieħor (sentenza ċitata);

Għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali, tiddikjara null ir-rikors ta' l-appell, u f'dan is-sens tiċħad l-appell.